# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMHALLEF**

**ONOR VINCENT DE GAETANO LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 26 ta'  Jannar, tas-sena elfejn (2000),**
**fis-2.30 p.m.**

**Rikors Nru. 725/99VDG**

**Onorevoli Mhallef Dottor**
**Anton Depasquale**

**v.**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Dan hu provvediment dwar dik il-parti tal-verbal ta' l-udjenza tas-7 ta' Jannar, 2000[1] fejn din il-Qorti tifhem li qed titqanqal kwistjoni kostituzzjonali kif ravvizat fl-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319. Ghandu jigi precizat li propjament fl-udjenza tas-7 ta' Jannar, 2000 kien hemm mhux verbal wiehed, izda diversi verbali (tal-partijiet u anke tal-Qorti). Ghall-fini ta' dana l-provvediment dak li hu relevanti hu s-segwenti:

*"Dottor George Abela u Dottor Edgar Depasquale ghar-rikorrent, jiddikjaraw illi huma ma humiex sejrin jitrattaw ulterjorment quddiem din l-Onorabbli Qorti* <u>*kif kostitwita*</u> *peress illi, kif diga inghad, huma jsostnu illi l-istess Onorabbli Qorti giet komposta bi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent illi jkollu smiegh xieraq quddiem tribunal indipendenti w imparzjali, dritt sancit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

---

[1] Wahda mill-kopji ta' dan il-verbal, dik a fol 18 ta' l-atti, iggib id-data zbaljata (7 ta' Jannar, 1999). Il-Qorti ser timxi fuq il-kopja li hemm a fol. 22 sa 25, liema kopja giet inserita fl-atti mid-Deputat Registratur wara li l-partijiet ghamlu l-korrezzjonijiet f'dak minnhom dettat – ara n-nota tad-Deputat Registratur a fol. 26.

*"Il-Qorti,*

*"Peress li dan il-verbal jammonta ghat-tqanqil ta' kwistjoni fis-sens tas-subartikolu 3 tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;*

*Tordna lir-rikorrent sabiex jispjega ahjar kif id-drittijiet fondamentali tieghu taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea qieghdin jigu, jew x'aktarx li jigu, miksura bis-smigh tal-kawza minn din il-Qorti kif komposta.*

*"Dottor George Abela u Dottor Edgar Depasquale ghar-rikorrent, minghajr pregudizzju ghall-verbali precedenti taghhom, u ghal kull buon fini, jirrilevaw illi l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu analogu tal-Kap. 319 (l-Artikolu 4(3)) ma japplikawx ghal kaz odjern stante li huma applikabbli biss "f'xi proceduri f'xi Qorti* <u>*li ma tkunx il-Prim Awla tal-Qorti Civili*</u> *jew il-Qorti Kostituzzjonali" (sottolinear tar-rikorrent).*

*"Il-Qorti reghet stiednet lill-Dottor Edgar Depasquale sabiex jitratta fuq il-kwistjoni Kostituzzjonali ventilata mir-rikorrent kif aktar 'l fuq spjegat, izda Dottor Edgar Depasquale baqa' jinsisti li subartikolu 3 tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ma japplikax ghal kaz odjern.*

*"Il-Qorti wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-kontro-parte u cioe` tal-Avukat Generali Dottor Anthony Borg Barthet, tiddifferixxi l-kawza ghal provvediment ghas-seduta ta' nhar il-Erbgha 26 ta' Jannar, 2000 fis-2.30 p.m."*

Minn dan kollu appena riprodott hawn fuq hu evidenti li r-rikorrent qed jallega li bis-smigh tal-kawza odjerna quddiem din il-Qorti kif kostitwita qed jigu jew x'aktarx li ser jigu lezi id-drittijiet tieghu kif protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Mitlub jispjega kif u ghala dan hu jew x'aktarx li jkun hekk, ir-rikorrent, permezz tal-legali tieghu, semplicement irrifjuta li jaghti aktar spjegazzjoni jew kjarifiki, u baqa' biss jinsisti li s-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 ma humiex applikabbli f'dan ir-rigward; u cioe` fil-prattika qed jghid li l-kwistjoni kostituzzjonali minnu ventilata m'ghandhiex tigi deciza minn din il-Qorti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-disposizzjoni tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjoni analoga tal-Kap. 319 huma cari: meta kwistjoni kostituzzjonali tqum f'xi proceduri quddiem qorti <u>li ma tkunx il-Prim' Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali</u>, dik il-qorti ghandha (kemm-il darba ma tqisx li dik il-kwistjoni tkun semplicement frivola jew vessatorja) tibghat dik il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla ghal decizzjoni. *A contrario sensu* meta tali kwistjoni kostituzzjonali tqum propju f'xi proceduri quddiem il-Prim' Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali <u>ghandhom ikunu dawk il-qrati li jiddeciedu dik il-kwistjoni minghajr ma ssir referenza</u>. Ghalhekk din il-Qorti <u>hi kompetenti</u> li tiehu konjizzjoni tal-kwistjoni ventilata mir-rikorrent, u cioe` li s-smigh ta' din il-kawza (kif promossa bir-rikors tieghu tad-19 ta' Novembru, 1999) minn din

il-Qorti kif kostitwita qed tilledi jew x'aktarx li tilledi d-drittijiet fondamentali tieghu. Ghalhekk din il-Qorti ser tistieden ghall-ahhar darba lir-rikorrent sabiex jitratta dwar il-kwistjoni kostituzzjonali minnu sollevata kif spjegat aktar 'l fuq, u cioe` sabiex jispjega kif u b'liema mod id-drittijiet fondamentali tieghu taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea qieghdin jigu, jew x'aktarx ser jigu, miksura bis-smigh tal-kawza minn din il-Qorti kif komposta. Jekk ir-rikorrent, permezz tal-legali tieghu, jerga' jaghzel li ma jitrattax, il-Qorti qed taghmilha cara li ser tghaddi biex tiddecidi dwar l-imsemmija kwistjoni.

(ft) Vincent Degaetano
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur